PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

**2012/2223 (INI)**

10.10.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-klawsoli ta' difiża reċiproka u solidarjetà tal-UE: dimensjonijiet politiċi u operattivi
(2012/2223(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Andrew Nicholas Duff

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ċitazzjoni

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-deċiżjoni li l-Assemblea tal-Unjoni Ewropea tal-Punent tiġi xolta;*** |

2. Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Artikoli 4 u 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana,*** |

3. Premessa Ba (ġdida)

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ba. billi s-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali huma meqjusa bħala prijorità għall-UE; billi hija meħtieġa reazzjoni konġunta u strateġija komuni mill-Istati Membri kollha;*** |

4. Premessa Ca (ġdida)

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-isfidi kurrenti għas-sigurtà jinkludu numru enormi ta' riskji kumplessi u li jinbidlu, bħat-terroriżmu internazzjonali, il-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda tal-massa, stati li qed jiddiżintegraw, kunflitti friżati u bla tmiem, il-kriminalità organizzata, it-theddid fl-internet, l-iskarsezza tas-sorsi tal-enerġija, id-deterjorazzjoni ambjentali u r-riskji assoċjati mas-sigurtà, id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem,*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-pandemiji u diversi riskji oħra;*** |

5. Premessa Cb (ġdida)

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Cb. billi l-UE tirrikonoxxi ordni internazzjonali bbażat fuq il-multilateraliżmu effettiv fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni internazzjonali, u li dan jesprimi l-konvinzjoni tal-Ewropej li l-ebda nazzjoni ma tista' tiffaċċja t-theddidiet ġodda waħedha;*** |

6. Il-paragrafu 1.

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tad-dispożizzjonijiet kollha rilevantirilevanti tat-Trattat, u b'mod partikolari *l-klawżola* tad-difiża reċiproka u *l-klawżola* tas-solidarjetà, sabiex ***l-Ewropej jiġu pprovduti b'politika ta' assigurazzjoni b'saħħitha*** kontra ***riskji ta' sigurtà serji, ibbażata fuq effiċjenza aħjar fl-infiq*** u kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u l-ispejjeż; | 1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tad-dispożizzjonijiet kollha rilevantirilevanti tat-Trattat, u b'mod partikolari *l-klawsola* tad-difiża reċiproka u *l-klawsola* tas-solidarjetà, sabiex ***jiżguraw is-sigurtà indiviżibbli tal-Istati Membri kollha u biex jiggarantixxu li ċ-ċittadini Ewropej kollha għandu jkollhom l-istess garanziji ta' sigurtà u livell indaqs ta' protezzjoni*** kontra ***theddid kemm tradizzjonali*** u ***kemm mhux konvenzjonali, waqt li titqies il-ħtieġa għal aktar kost-effiċjenza u*** kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u l-ispejjeż; |

7. Paragrafu 2b (ġdid)

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | 2b. ***Filwaqt li jafferma mill-ġdid li l-protezzjoni tal-integrità territorjali u ċ-ċittadini tagħha tibqa' fil-qalba tal-politika ta' difiża, iħeġġeġ lill-Kunsill biex jikkopja l-approċċ tan-NATO, li jipprovdi għaċ-ċirkostanzi inevitabbli meta l-prevenzjoni tat-theddid estern tkun meħtieġa sabiex jiġu promossi l-interessi*** |

***tas-sigurtà tal-alleati u l-proġezzjoni tal-forza hija meħtieġa;***

8. Paragrafu 4

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Jiġbed l-attenzjoni lejn ***il-firxa*** wiesgħa ta' strumenti ***li jinsabu disponibbli għall-Unjoni u l-Istati*** Membri ***sabiex jaffaċċjaw ċirkostanzi eċċezzjonali bi spirtu ta' solidarjetà, bħall-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili, il-Fond ta' Solidarjetà, u l-possibilità li jingħata appoġġ ekonomiku u finanzjarju f'każijiet ta' diffikultajiet severi, kif stipulat fl-Artikolu 122 tat-TFUE***; ifakkar ukoll dwar l-impenn biex tiġi żviluppata solidarjetà politika reċiproka fil-politika barranija u ta' sigurtà skont l-Artikolu 24 tat-TUE; jisħaq li l-għan tal-klawżoli tad-difiża reċiproka u s-solidarjetà mhuwiex li jibdlu dawn l-istrumenti, iżda li jikkumplimentawhom f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' theddid jew ħsara straordinarji, u b'mod partikolari meta r-rispons ikun jeħtieġ koordinazzjoni politika ta' livell għoli u l-involviment tal-militar; | 4. Jiġbed l-attenzjoni lejn ***il-bżonn li l-UE tiżviluppa iktar approċċ komprensiv biex tindirizza t-theddid u l-isfidi globali filwaqt li tieħu mill-firxa*** wiesgħa ta' strumenti ***għad-dispożizzjoni tagħha u tal-Istati*** Membri***, inklużi mezzi militari bħala l-aħħar għażla***; ifakkar ukoll dwar l-impenn biex tiġi żviluppata solidarjetà politika reċiproka fil-politika barranija u ta' sigurtà skont l-Artikolu 24 tat-TUE; jisħaq li l-għan tal-klawżoli tad-difiża reċiproka u s-solidarjetà mhuwiex li jibdlu dawn l-istrumenti, iżda li jikkumplimentawhom f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' theddid jew ħsara straordinarji, u b'mod partikolari meta r-rispons ikun jeħtieġ koordinazzjoni politika ta' livell għoli u l-involviment tal-militar; |

9. Paragrafu 6

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 6. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-obbligu ċar tagħhom ta' għajnuna u assistenza b'kull mezz fil-poter tagħhom jekk Stat Membru jisfa vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu; ***jisħaq fuq il-fatt li, filwaqt li aggressjoni fuq skala kbira kontra Stat Membru tidher li hija improbabbli fil-futur qarib, kemm id-difiża territorjali tradizzjonali kif ukoll id-difiża kontra theddid ġdid għandhom jibqgħu prijoritajiet minn ta' fuq nett fl-aġenda;*** ifakkar ukoll li ***t-Trattat jistipula*** li, ***għall-pajjiżi tal-UE li huma membri tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, in-NATO*** | 6. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-obbligu ċar tagħhom ***skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat UE*** ta' għajnuna u assistenza b'kull mezz fil-poter tagħhom jekk Stat Membru jisfa vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu; ifakkar ukoll li ***l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-UE huma membri tan-NATO u*** li, ***b'hekk, il-politika ta' sigurtà u difiża komuni tal-Unjoni trid tkun kompatibbli u*** konsistenti mal-impenji taħt in-NATO ***filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tal-UE***; ***jinnota tajjeb in-natura speċifika tal-politiki ta' sigurtà u difiża ta' dawk l-istati tal-UE li mhumiex membri tan-NATO, imma*** |

| | |
|---|---|
| ***tibqa' l-bażi tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha, u li l-impenn u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża reċiproka għandhom ikunu*** konsistenti mal-impenji taħt in-NATO; | ***madankollu josserva li l-klawsola ta' assistenza reċiproka tal-UE qatt m'għandha tiġi attivata mingħajr ma tiġi kkonsultata n-NATO u mingħajr it-tentattiv li tinvolvi ruħha;*** |

10. Paragrafu 7

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 7. Fl-istess waqt jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ***ugwalment importanti li jsiru*** preparamenti għal sitwazzjonijiet li jinvolvu Stati Membri tal-UE li mhumiex membri tan-NATO jew territorji ta' Stati Membri tal-UE barra miż-żona tal-Atlantiku tat-Tramuntana, u għalhekk mhux koperti mit-Trattat ta' Washington, jew sitwazzjonijiet fejn ma ***jintlaħaqx*** ftehim ***dwar*** azzjoni kollettiva fi ħdan in-NATO; | 7. Fl-istess waqt jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ***importantza ugwali li jkun hemm*** preparamenti għal sitwazzjonijiet li jinvolvu Stati Membri tal-UE li mhumiex membri tan-NATO jew territorji ta' Stati Membri tal-UE barra miż-żona tal-Atlantiku tat-Tramuntana, u għalhekk mhux koperti mit-Trattat ta' Washington, jew sitwazzjonijiet fejn ma ***jintlaħqux*** ftehim ***jew*** azzjoni kollettiva fi ħdan in-NATO ***kif ukoll fir-rigwar tal-kapaċitajiet tagħha kif previsti fil-Ftehim Berlin Plus***; |

11. Paragrafu 9

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 9. Jenfasizza l-importanza tad-deterrenza, u għalhekk il-ħtieġa li pajjiżi Ewropej ikollhom kapaċitajiet militari kredibbli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom fl-iżvilupp tal-kapaċità militari kollaborattiva, l-aktar permezz tal-inizjattivi kumplimentari 'Akkomunament u Kondiviżjoni' u 'Difiża Intelliġenti' tal-UE u n-NATO, li jirrappreżentaw metodu ta' importanza kritika ta' avvanz 'il quddiem fi żminijiet ta' baġits għad-difiża ristretti; | 9. Jenfasizza l-importanza tad-deterrenza, u għalhekk il-ħtieġa li pajjiżi Ewropej ikollhom kapaċitajiet militari kredibbli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom fl-iżvilupp tal-kapaċità militari kollaborattiva, l-aktar permezz tal-inizjattivi kumplimentari 'Akkomunament u Kondiviżjoni' u 'Difiża Intelliġenti' tal-UE u n-NATO, li jirrappreżentaw metodu ta' importanza kritika ta' avvanz 'il quddiem fi żminijiet ta' baġits għad-difiża ristretti; ***f'dan il-kuntest, itenni t-talba tiegħu biex il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tiġi rispettata u sfruttata b'mod aktar sħiħ mill-ministeri għad-difiża nazzjonali; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, lill-Istati Membri u lis-SEAE biex ikomplu d-dibattitu fid-dawl tal-istabbiliment ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti prevista fit-Trattat*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' Lisbona;*** |

12. Paragrafu 9a (ġdid)

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***9a. Iqis li, sabiex jikkonsolidaw il-kooperazzjoni tagħhom, kemm in-NATO kif ukoll l-Unjoni Ewropea għandhom jikkonċentraw fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet bażiċi tagħhom, it-titjib tal-interoperabbiltà u l-koordinazzjoni tad-dottrini tagħhom, metodi ta' ppjanar, teknoloġiji, tagħmir u taħriġ;*** |

13. Paragrafu 10

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 10. Itenni l-istedina tiegħu għal armonizzazzjoni sistematika ta' rekwiżiti militari u proċess ta' ppjanar u akkwist tad-difiża tal-UE armonizzat, li jitqabblu mal-livell ta' ambizzjoni tal-UE u koordinatu mal-Proċess ta' Ppjanar tad-Difiża tan-NATO; filwaqt li jikkunsidra l-livell akbar ta' garanziji ta' sigurtà provduti *mill-klawżola* ta' difiża reċiproka, iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkunsidraw kooperazzjoni multinazzjonali rigward l-iżvilupp tal-kapaċità u, fejn xieraq, l-ispeċjalizzazzjoni bħala prinċipji ewlenin fl-ippjanar tad-difiża tagħhom; | 10. Itenni l-istedina tiegħu għal armonizzazzjoni sistematika ta' rekwiżiti militari u proċess ta' ppjanar u akkwist tad-difiża tal-UE armonizzat, li jitqabblu mal-livell ta' ambizzjoni tal-UE u koordinatu mal-Proċess ta' Ppjanar tad-Difiża tan-NATO; filwaqt li jikkunsidra l-livell akbar ta' garanziji ta' sigurtà provduti *mill-klawsola* ta' difiża reċiproka, iħeġġeġ llill-Istati Membri biex jikkunsidraw kooperazzjoni multinazzjonali rigward l-iżvilupp tal-kapaċità u, fejn xieraq, l-ispeċjalizzazzjoni ***ġeografika u tar-rwol*** bħala prinċipji ewlenin fl-ippjanar tad-difiża tagħhom; |

14. Paragrafu 15

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 15. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***għall-prevenzjoni ta' perikli morali, minħabba li xi Stati*** Membri ***jista' jkollhom it-tentazzjoni li jiddependu*** wisq fuq is-solidarjetà ***tal-oħrajn filwaqt li ma jinvestux biżżejjed fis-sigurtà u l-kapaċitajiet tagħhom ta' rispons għad-diżastri;*** jenfasizza r- | 15. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***li l-Istati*** Membri ***jinvestu fil-kapaċitajiet proprji tagħhom fir-rigward tas-sigurtà u r-reazzjoni għad-diżastri u ma jiddependux*** wisq fuq is-solidarjetà ***ta' ħaddieħor.*** jenfasizza r-responsabilità ewlenija tal-Istati Membri għall-protezzjoni u s-sigurtà ċivili fit- |

| | |
|---|---|
| responsabilità ewlenija tal-Istati Membri għall-protezzjoni u s-sigurtà ċivili fit-territorju tagħhom; | territorju tagħhom; |

15. Paragrafu 16

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 16. Huwa tal-fehma li *l-klawżola* ta' solidarjetà għandha tintuża f'sitwazzjonijiet li jegħlbu l-kapaċitajiet tal-Istat Membru affettwat jew li jeħtieġu rispons multisettorjali li jinvolvi numru ta' protagonisti; jisħaq fuq il-fatt li s-solidarjetà tfisser ukoll l-obbligu li jkun hemm investiment f'kapaċitajiet nazzjonali xierqa; | 16. Huwa tal-fehma li *l-klawsola* ta' solidarjetà għandha tintuża f'sitwazzjonijiet li jegħlbu l-kapaċitajiet tal-Istat Membru affettwat jew li jeħtieġu rispons multisettorjali li jinvolvi numru ta' protagonisti; jisħaq li s-solidarjetà tfisser ukoll l-obbligu li jkun hemm investiment f'kapaċitajiet nazzjonali ***u Ewropej*** xierqa; |

16. Paragrafu 32
[***il-Paragrafu 32 għandu jiddaħħal wara l-Paragrafu 27***]

17. Paragrafu 33

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 33. Jistieden lill-Istati Membru biex jagħmlu skambju tal-aqwa prattiki rigward modi biex jissimplifikaw il-proċeduri tagħhom ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet nazzjonali u l-interazzjoni taċ-ċentri tagħhom ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet nazzjonali mal-UE; | 33. Jistieden lill-Istati Membru biex ***isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jipprovdu u jirċievu assistenza, kif ukoll biex*** jagħmlu skambju tal-aqwa prattiki rigward modi biex jissemplifikaw il-proċeduri nazzjonali tagħhom ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet u l-interazzjoni taċ-ċentri nazzjonali tagħhom ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet mal-UE; ***hu tal-fehma li għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-ippjanar u t-twettiq ta' eżerċizzji xierqa ta' rispons għall-kriżijiet fl-UE kollha, eżerċizzji li jkunu jinvolvu l-istrutturi nazzjonali ta' rispons għall-kriżijiet u l-istrutturi xierqa tal-UE;*** |

18. Paragrafu 33a (ġdid)

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***33a. Iqis li hu essenzjali li jiġu stabbiliti r-rabtiet proċedurali u organizzattivi meħtieġa bejn is-servizzi rilevanti tal-*** |

***Istati Membri, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament kif suppost tal-klawsola ta' solidarjetà b'segwitu għall-attivazzjoni tagħha;***

19. Paragrafu 35

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Ifakkar li *l-klawżola* ta' solidarjetà teħtieġ li l-Kunsill Ewropew jivvaluta b'mod regolari t-theddid li taffaċċja l-Unjoni; huwa tal-opinjoni li valutazzjonijiet bħal dawn jeħtieġ li jsiru minn tal-anqas fuq żewġ livelli distinti: fuq bażi aktar fit-tul fil-Kunsill Ewropew, fi proċess li għandu wkoll jalimenta l-ħsib strateġiku li għandu jiġi rifless f'aġġornamenti futuri tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, kif ukoll permezz ta' ħars ġenerali komprensiv aktar frekwenti tat-theddid attwali; | 35. Ifakkar li *l-klawsola* ta' solidarjetà teħtieġ li l-Kunsill Ewropew jivvaluta b'mod regolari t-theddid li taffaċċja l-Unjoni ***u jikkoordina dan l-eżerċizzju mas-sħab tan-NATO***; huwa tal-opinjoni li valutazzjonijiet bħal dawn jeħtieġ li jsiru minn tal-anqas fuq żewġ livelli distinti: fuq bażi aktar fit-tul fil-Kunsill Ewropew, fi proċess li għandu wkoll jalimenta l-ħsib strateġiku li għandu jiġi rifless f'aġġornamenti futuri tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, kif ukoll permezz ta' ħars ġenerali komprensiv aktar frekwenti tat-theddid attwali; |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 9.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alfredo Antoniozzi, Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Morten Messerschmidt, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, Indrek Tarand, Rafał Trzaskowski, Manfred Weber, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Zuzana Brzobohatá, Andrea Češková, Marietta Giannakou, Anneli Jäätteenmäki, Vital Moreira, Helmut Scholz, György Schöpflin |